EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2018/0094/I (Italy)

# Abbozz ta’ Digriet Interministerjali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 157(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 230 tas-17 ta’ Marzu 1995, u emendi sussegwenti, dwar metodi ta’ applikazzjoni, kontenuti taċ-ċertifikati ta’ sorveljanza radjumetrika u lista ta’ prodotti tal-metall nofshom lesti soġġetti għas-sorveljanza radjumetrika.

Data tal-wasla : 12/03/2018
Tmiem tal-Waqfien : 13/06/2018

## Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2018) 00618
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2018/0094/I

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma’ jiftaħx il-perijodi ta’ dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201800618.MT)
1. MSG 002 IND 2018 0094 I MT 12-03-2018 I NOTIF

2. I

3A. MINISTERO DELLO SVILUPPO ECONOMICO
Direzione generale per il mercato, la concorrenza, il consumatore, la vigilanza e la normativa tecnica
Divisione XIII - Normativa tecnica
00187 Roma - Via Sallustiana, 53
tel. +39 06 4705.5386 - .5340 - e-mail: ucn98.34.italia@mise.gov.it

3B. MINISTERO DELLO SVILUPPO ECONOMICO
UFFICIO LEGISLATIVO
Roma

4. 2018/0094/I - X00M

5. Abbozz ta’ Digriet Interministerjali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 157(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 230 tas-17 ta’ Marzu 1995, u emendi sussegwenti, dwar metodi ta’ applikazzjoni, kontenuti taċ-ċertifikati ta’ sorveljanza radjumetrika u lista ta’ prodotti tal-metall nofshom lesti soġġetti għas-sorveljanza radjumetrika.

6. Prodotti tal-metall nofshom lesti soġġetti għal sorveljanza radjumetrika.

7. – Il-proġett notifikat fih dispożizzjonijiet supplimentari u korrettivi tal-miżura Taljana ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/117/Euratom.

8. Bid-digriet li qed ikun notifikat huma stabbiliti l-metodi ta' applikazzjoni, kif ukoll il-kontenut taċ-ċertifikati ta' sorveljanza radjumetrika u elenkati l-prodotti tal-metall nofshom lesti soġġetti għas-sorveljanza. B'mod partikolari, minbarra l-aġġustament, ibbażat fuq il-bidliet li saru fil-qasam internazzjonali, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kategoriji kummerċjali relatati mal-lista ta' prodotti tal-metall nofshom lesti, imsemmija fl-Anness I tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 100/2011, huwa stabbilit il-kontenut taċ-ċertifikat ta' sorveljanza radjumetrika maħruġ mill-esperti kkwalifikati lill-partijiet li għandhom l-obbligazzjoni ta' sorveljanza radjumetrika inkwistjoni.
Qed jiġu stabbiliti wkoll ċerti dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-kontrolli radjumetriċi fuq metall skreppjat jew materjali metalliċi oħrajn li jirriżultaw minnu u dwar prodotti tal-metall nofshom lesti impurtati, li ġejjin minn pajjiżi terzi, imwettqa fil-post ta' oriġini tat-tagħbijiet, bl-iskop ta' tlestija tal-formalitajiet tad-dwana.
Bil-ħruġ ta' dan id-digriet, għalhekk, huwa konkluż ir-reġim tranżitorju għall-obbligu ta' sorveljanza radjumetrika fuq il-prodotti tal-metall nofshom lesti msemmija fl-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 100 tal-1 ta' Ġunju 2011, peress li d-dispożizzjonijiet relatati jiġu sostitwiti minn dawk ta' dan id-digriet mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.
Il-miżura tikkonsisti minn 10-il artikolu u żewġ annessi. Fl-Artikolu huma identifikati u stabbiliti:
Artikolu 1 – Skop u kamp ta' applikazzjoni;
Artikolu 2 – Kriterji tas-sorveljanza radjumetrika;
Artikolu 3 – Metodi ta' applikazzjoni tas-sorveljanza radjumetrika;
Artikolu 4 – Ċertifikazzjoni tas-sorveljanza radjumetrika;
Artikolu 5 – Persunal inkarigat mit-tlestija tas-sorveljanza radjumetrika;
Artikolu 6 – Taħriġ tal-persunal;
Artikolu 7 – Rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-kontrolli radjumetriċi fuq metall skreppjat jew materjali oħra ta' skart metalliku u fuq il-prodotti tal-metall nofshom lesti minn pajjiżi terzi;
Artikolu 8 – Prodotti tal-metall nofshom lesti soġġetti għas-sorveljanza radjumetrika;
Artikolu 9 – Spejjeż li ma jinbidlux;
Artikolu 10 – Dħul fis-seħħ.
L-Anness I juri l-Mudell IRME90 - Dokument ta' akkumpanjament għall-importazzjoni fl-Italja ta' metall skreppjat jew materjali metalliċi oħrajn li jirriżultaw u ta' prodotti tal-metall nofshom lesti.
L-Anness II juri l-lista ta' prodotti tal-metall nofshom lesti soġġetti għal sorveljanza radjumetrika.

9. Il-ħtieġa li jiġi adottat id-Digriet Interministerjali msemmi fin-notifika, li jikkonkludi r-reġim tranżitorju għall-obbligu ta' sorveljanza radjumetrika fuq prodotti tal-metall nofshom lesti msemmija fl-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 100 tal-1 ta' Ġunju 2011, biex titqies l-evoluzzjoni fil-qasam tas-sorveljanza radjumetrika fuq metall skreppjat u materjali metalliċi oħrajn kif ukoll fuq prodotti tal-metall nofshom lesti, sabiex tinstab il-preżenza ta' livelli anomali ta' radjuattività jew ta' kwalunkwe sors abbandunat u biex jiġu adattati l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kategoriji kummerċjali, ibbażati fuq il-bidliet fil-qasam internazzjonali, relatati mal-lista ta' prodotti tal-metall nofshom lesti, imsemmija fl-Anness I tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 100 tal-1 ta' Ġunju 2011 imsemmi qabel, hija spjegata b'mod aktar fil-fond fid-daħla tar-Rapport illustrattiv tad-digriet, li huwa mehmuż man-notifika bħala "Testi oħrajn".

10. Referenza għat-testi bażiċi: Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 230 tas-17 ta' Marzu 1995 – Artikolu 157: mibgħut bħala parti min-Notifika 2011/0186/I;
Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 100 tal-1 ta' Ġunju 2011: it-test definittiv korrispondenti man-Notifika Nru 2011/0186/I.

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt mhix disponibbli fiż-żmien tan-notifika

16. Aspetti OTK

Iva

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

**********
Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu